# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 38/2021/1**
**Appell Numru 39/2021/1**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Joseph Borg**
**George Borg**

Illum id-disgħa (9) ta' Jannar 2024

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellanti **Joseph Borg**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 312687(M), u **George Borg**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 622351(M), akkużati quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli:

fl-24 ta' April 2019 u fil-ġranet u x-xhur ta' qabel ġewwa 22, Triq San Franġisk, Qormi u f'dawn il-Gżejjer:

1. mingħajr il-ħsieb li jisirqu jew li jagħmlu ħsara kontra l-liġi, iżda biss biex jeżerċitaw dritt li jippretendu li għandhom, bl-awtorita' tagħhom infushom fixklu lil George Schembri Orland fil-pussess ta' ħwejġu, jew b'xi mod ieħor kontra l-liġi, jew indaħlu fil-ħwejjeġ tal-istess kwerelant u dan billi fid-dati msemmija biddlu l-katnazz li kien jagħlaq il-fond proprjeta' tal-kwerelant u żammew lill-kwerelant milli jidħol fi ħwejġu;

fis-7 ta' April 2019 għall-ħabta tal-10.00hrs ġewwa Triq San Franġisk, Qormi:

2. insulentaw, heddew jew inġurjaw bi kliem jew b'mod ieħor lil George Roland Schembri Orland;

3. volontarjment kisru l-bon ordni u l-paċi pubbliku b'għajjat u storbju.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex, f'każ ta' ħtija, tapplika Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tad-29 ta' Jannar 2021, fejn il-Qorti, wara li rat Artikolu 85(1), 85(2), 338(dd) u 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta:

- filwaqt li ma sabitx lill-imputat Joseph Borg hati tat-tieni (2) imputazzjoni u lliberatu minnha, sabitu ħati tal-ewwel (1) u tat-tielet (3) imputazzjoni u b'applikazzjoni ta' Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta lliberatu bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien sittax-il xahar minn dakinhar li ngħatat is-sentenza;

- sabet lill-imputat George Borg ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba fil-konfront tiegħu u b'applikazzjoni ta' Artikolu 22

tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta lliberatu bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien tmintax-il xahar minn dakinhar li ngħatat is-sentenza.

Il-Qorti applikat Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u rabtet lill-imputati b'obbligazzjoni personali ta' elf u ħames mitt Euro (€1500) kull wieħed, li jżommu l-kwiet ma' George Roland Schembri Orland u li jżommu l-bon ordni pubbliku ma' kulħadd għal żmien sena minn dakinhar li ngħatat is-sentenza. *Ai termini* ta' Artiklu 377(3) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti ordnat lill-imputati sabiex jgħaddu ċ-ċwievet tal-bieb tal-fond 22, Triq San Franġisk, Qormi biex b'hekk George Roland Schembri Orland jerġa' jkollu aċċess għal dan il-post, u dan fi żmien tliet (3) ijiem minn dakinhar li ngħatat is-sentenza, taħt ammenda ta' għaxar Euro (€10) kuljum għal kull ġurnata ta' ritard.

Rat ir-Rikors tal-appellant Joseph Borg ippreżentat fil-11 ta' Frar 2021 fejn talab lil din il-Qorti sabiex: *"jogħġobha tilqa' dan l-appell billi* ***TIRRIFORMA*** *s-sentenza appellata billi filwaqt li* ***TIKKONFERMAHA*** *f'dik il-parti tas-sentenza fejn ma sabitux ħati tat-tieni (2) akkuża miġjuba fil-konfront tiegħu,* ***TĦASSARAHA U TIRREVOKAHA*** *f'dik il-parti tas-sentenza fejn sabet lill-appellanti ħati tal-ewwel (1) u tat-tielet (3) akkużi miġjuba fil-konfront tiegħu, u dan billi* ***TIDDIKJARAH*** *mhux ħati tagħhom u konsegwentement* ***TILLIBERAH*** *minnhom, alternattivament* ***TIRRIFORMA*** *s-sentenza appellata fil-parti tal-piena nflitta u dan billi minflok timponi piena aktar ekwa u ġusta għaċ-ċirkostanzi tal-każ."*

Rat ir-Rikors tal-appellant George Borg ippreżentat fil-11 ta' Frar 2021 fejn talab lil din il-Qorti sabiex: *"jogħġobha tilqa' dan l-appell billi* ***TIRRREVOKA*** *s-sentenza appellata fejn sabet lill-appellant ħati tal-akkużi kollha miġjuba fil-konfront tiegħu, u dan billi* ***TIDDIKJARAH*** *mhux ħati tagħhom u konsegwentement* ***TILLIBERAH*** *minnhom, alternattivament* ***TIRRIFORMA*** *s-sentenza appellata fil-parti tal-piena inflitta u dan billi minflok timponi piena aktar ekwa u ġusta għaċ-ċirkostanzi tal-każ."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat illi dawn l-appelli ġew assenjati lil din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Jannar 2023 b'"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri" mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti.

Rat il-fedini penali aġġornati tal-appellanti eżebiti mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat it-traskrizzjoni tas-sottomissjonijiet bil-fomm li kienu saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

Semgħet, fis-seduta tal-5 ta' Diċembru 2023, lill-konsulenti legali jiddikjaraw li ma kellhom xejn aktar xi jżidu mas-sottomissjonijiet li kienu diġa' saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

**Ikkunsidrat**

Illi din hija sentenza dwar żewġ appelli minn sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti fid-29 ta' Jannar 2021. Mis-sentenza msemmija appellaw iż-żewġ persuni li kienu ġew mixlija quddiem l-Ewwel Qorti.

Illi qabel tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar l-aggravji mressqa mill-appellanti fir-Rikorsi tal-appell tagħhom, din il-Qorti tinnota li jkun opportun li l-ewwel tagħmel riferenza għal dak li jirriżulta fl-atti proċesswali u li wassal lill-appellanti jiġu mixlija quddiem l-Ewwel Qorti.

Illi mill-atti proċesswali jirriżulta, fost l-oħrajn, is-segwenti:

- Il-*parte civile* **George Schembri Orland** (*a fol.* 18 *et seq.*) qal li l-proprjeta' fi Triq San Franġisk, Qormi kienet ġiet għandu permezz ta' diviżjoni li saret madwar is-sena 2000 wara li kienet ilha ħafna fil-familja. Jgħid li n-numru tal-fond kien 88 imma mbagħad nbidel u sar 22. Jgħid li l-post kien okkupat

sas-sena 1976 iżda minn dakinhar sal-jum li fih kien qed jixhed quddiem l-Ewwel Qorti kien baqa' vojt. Jgħid li lill-appellanti allura imputati lanqas biss kien jafhom u li hu kien jaqbad u jidħol fil-fond. Jispjega li kultant kien jagħmel katnazz iżda kien isibu maqsum u kien jerġa' jagħmel ieħor. Qal li mis-sena 2015 'il quddiem kien jidħol normalment u li l-post kien vojt. Jgħid li kien sab katnazz u neħħieh biex ikun jista' jidħol u jispjega li mbagħad sab fih xi gwardarobba jew tnejn u xi sodda. Jgħid li għamel rapport lill-Pulizija meta beda jsib il-katnazz imqaċċat u għalhekk iddeċieda li jagħmel bieb tal-ħadid. Żied jgħid li l-appellant Joseph Borg beda jgħidlu li hemm żgur ma jidħolx u jixhed li qallu wkoll (*a fol.* 23): *""ara ma jfettilekx tidħol hemm ġew għax God knows what can happen""*. Jgħid li l-appellant George Borg mhux heddu iżda qallu li hemm ma kienx tiegħu. Jgħid ukoll li meta kienu ftit imwarrbin, George Borg kien qallu li kien lest li jagħtih xi ħaġa tal-flus biex il-post iħallihulhom. Ix-xhud wieġeb li ma riedx jagħmel hekk. Jispjega li lill-Pulizija ħadlu l-kopja tal-wirt u tad-diviżjoni u li l-ħaddied kellu jagħtihom iċ-ċavetta għaliex heddewh. Sa meta kien qed jixhed quddiem l-Ewwel Qorti, il-*parte civile* kien għadu bla ċavetta. Fil-kontro-eżami huwa qal li kien jidħol fil-fond kull tliet jew erba' xhur iżda qal ukoll li kien jgħaddi minn quddiemu darbtejn fil-ġimgħa u kien jara l-bieb sgassat. Jgħid li l-post ma fihx elettriku u li kien biss dan l-aħħar li sab l-għamara. Ma kienx jaf min kien qed jidħol u għalhekk ħalla kollox f'idejn il-Pulizija.

- L-appellant allura imputat **Joseph Borg** (*a fol.* 35 *et seq.*) qal li kien jgħix fil-post imsemmi u mbagħad mar jgħix Ħal-Luqa. Jgħid li kienu ħamest itfal u kollha kienu jgħixu hemm. Ma kienx jaf kif il-post ġie għandhom u ma ftakarx li kien jitħallas kera jew ċens. Huwa ċaħad li hedded lill-*parte civile* u jgħid li huma kienu ser jerġgħu imorru joqogħdu hemm. Jispjega li meta kien qed jitwaħħal il-bieb ċempel lil min qabbad lill-persuna in kwistjoni u marru l-Pulizija wkoll. Jgħid li l-*parte civile* qalilhom li hemm kien tiegħu iżda huma qalulu li ma kienx hekk għax kien ilu għandhom minn żmien in-nanniet.

Jgħid li ma kellhom ebda idea tal-*parte civile*. Fil-kontro-eżami qal li l-fond in kwistjoni ma kienx ilu vojt. Jgħid li b'kollox kienu joqogħdu seba' minn nies hemm u li mbagħad telqu s-sebgħa kollha. Jispjega li sabu l-katnazz imqaċċat u għamlu ieħor. Ix-xhud qal li hu ma tantx kien jersaq lejn il-post. Meta ġie mistoqsi jgħid jekk jafx il-post ta' min kien, huwa wieġeb li ma kienx jaf. Jgħid li huma dejjem kienu jgħidu li kien il-post "tan-nanna". Jgħid li kien ħadlu ċ-ċavetta għalkemm iċ-ċavetta ma kinitx tiegħu għax kienet ta' ommu u ta' missieru. Huwa nsista li kien tkellem bir-raġuni.

- L-appellant allura imputat **George Borg** għażel li ma jixhidx (*a fol.* 34).

Illi din il-Qorti tinnota li r-rwol tagħha huwa dak li tara jekk l-Ewwel Qorti setgħetx raġonevolment u legalment tasal għad-deċiżjoni li waslet għaliha. F'dan ir-rigward, il-Qorti tagħmel riferenza għal dak li ngħad fis-sentenza mogħtija fil-31 ta' Lulju 2008 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Julian Genovese** (Numru 141/2008) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Illi l-ewwel tlitt aggravji jirrigwardaw l-apprezzament tal-provi traskritti li għamlet l-ewwel Qorti. Issa hu prinċipju ormaj stabbilit fil-ġurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-każ ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Maġistrati kif ukoll fil-każ ta' appelli minn verdetti u sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi magħmula mill-Ewwel Qorti jekk tasal għall-konklużjoni li dik il-Qorti setgħet raġonevolment u legalment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha."

Illi din il-Qorti ser tgħaddi issa biex tikkunsidra l-aggravji mressqa miż-żewġ appellanti.

**Ikkunsidrat**

**Konsiderazzjonijiet dwar l-ewwel aggravju tal-appellanti Joseph Borg u George Borg**

Illi l-ewwel aggravju tal-appellant Joseph Borg huwa li l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament żbaljat tal-provi prodotti u tal-liġi applikabbli fir-rigward ta' l-ewwel (1) imputazzjoni. Jgħid li l-Ewwel Qorti qatt ma kellha ssibu ħati ta' din l-imputazzjoni u li l-Prosekuzzjoni trid tipprova l-każ lil hinn minn kwalunkwe dubju raġonevoli. Jagħmel riferenza għal ġurisprudenza f'dan is-sens u jerga' jagħmel riferenza għal ġurisprudenza oħra meta jagħmel riferenza għar-reat ta' *ragion fattasi*. Skont l-appellant Joseph Borg jeżisti kunflitt fil-provi kif il-fond ġie f'idejn il-familja tiegħu. Jgħid li George Borg ma heddidtx iżda beda jsostni li l-post kien tiegħu. Joseph Borg xehed li hu kien jgħix fil-post ma' ommu, n-nanna u t-tfal l-oħra u qatt ma sema' lil xi ħadd tal-familja jgħid li kien jitħallas xi kera jew ċens. Jisħaq li hu ma kienx jaf lill-*parte civile* u li meta raw il-bieb mibdul marru jagħmlu rapport lill-Pulizija. Jiċħad li beda jgħajjat mal-*parte civile*. Jisħaq li ma hemm ebda prova fl-atti proċesswali li hu kien biddel il-katnazz li kien jagħlaq il-fond in kwistjoni u li żamm lill-*parte civile* milli jidħol fi ħwejġu.

Illi l-ewwel aggravju tal-appellant George Borg huwa bħal dak tal-appellant l-ieħor. George Borg jisħaq li l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament żbaljat tal-provi prodotti u tal-liġi applikabbli fir-rigward ta' l-ewwel (1) imputazzjoni. Huwa jressaq l-istess argumenti li jressaq l-appellant Joseph Borg fl-ewwel aggravju tiegħu dwar għala huwa (George Borg) ma kellux jinstab ħati tal-ewwel (1) imputazzjoni u għaldaqstant, a skans ta' ripetizzjoni, din il-Qorti tagħmel riferenza għal argumenti in kwistjoni msemmija hawn fuq.

Illi l-ewwel aggravju tal-appellanti huwa dwar l-ewwel (1) imputazzjoni li t-tnejn li huma nstabu ħatja tagħha. F'din l-ewwel (1) imputazzjoni l-appellanti ġew mixlija quddiem l-Ewwel Qorti bir-reat li jemerġi minn Artikolu 85 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta'

Malta, liema reat huwa dak hekk imsejjaħ ta' *ragion fattasi* jew dak li jissejjaħ *"the exercise of a pretended right"*.

Illi għandu jingħad li l-azzjoni bbażata fuq Artikolu 85 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta hija speċi ta' żona griġja bejn il-kamp ċivili u dak kriminali tant li meta kien qed jiġi abbozzat il-Kodiċi Penali Malti, Sir Andrew Jameson fir-Rapport tiegħu kien osserva s-segwenti:

> *"It is doubtful whether acts of this kind would not be better left to the operation of the ordinary civil remedies by way of interdict of or claim for damages..."* (Ara Prof. Sir Anthony Mamo – Notes on Criminal Law (1958 edit.), Parti Specjali – Vol. II).

Illi l-elementi tar-reat ta' *ragion fattasi* ġew miġbura fid-definizzjoni analitika mogħtija fl-14 ta' Ottubru 1944 fis-sentenza ta' l-appell kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Giuseppe Bonavia et** (Vol. XXXII – IV, p.768) u dawn jinkludu:

- att estern li jimpedixxi persuna oħra minn dritt li hija tgawdi, u li jkun sar bid-dissens espliċitu jew impliċitu ta' dik il-persuna;

- l-aġent irid jemmen li qed jaġixxi bi dritt;

- ix-xjenza tal-aġent li qed jieħu b'idejh (*"di privato braccio"*) dak li suppost jieħu tramite l-proċess legali;

- l-att ma jinkwadrax ruħu f'reat aktar gravi.

Illi, kif dejjem ġie ritenut, element importanti kostituttiv ta' dan ir-reat hu dak intenzjonali fis-sens li l-aġir ta' dak li jkun irid ikun magħmul bil-ħsieb li hu qed jeżerċita dritt li jaħseb li għandu għad-distinzjoni mir-reati, per eżempju, ta' serq jew danni volontarji fuq proprjeta' ta' ħaddiehor. Għalhekk hemm bżonn li ssir indaġni fuq il-movent li jkun wassal lill-persuna li

kkommettiet dan ir-reat biex tagħmel dak li għamlet. L-element materjali invece jikkonsisti f'illi wieħed jippriva persuna oħra minn xi dritt fuq ħaġa li għandu t-tgawdija tagħha.

Illi r-reat ma jissussistix meta l-att materjali jikkonsisti fir-retenzjoni ta' pussess li dak li jkun diġa' ikollu. Hemm bżonn li jkun hemm att pożittiv li jippriva lit-terz jew ifixklu fil-pussess tal-ħaġa għax kif jgħid **Carrara** (Prog. Parte Speciale, Vol. 5, para. 2850):

> *"L'atto esterno deve privare l'altro contro sua voglia di un bene che gode. Chi é nell'attuale godimento di un bene e continua a goderne a dispetto di chi non voglia; non delinque perché la legge protegge lo "stato quo", il quale non puó variarsi tranne per consenso degli interessati o per decreto della autoritá giudiziale."*

Illi fir-rigward tar-raba' element hawn fuq imsemmi għandu jingħad li n-nuqqas ta' titolu jirrendi l-fatt aktar gravi b'dan illi huwa suffiċjenti li jikkonkorru l-ewwel tliet elementi. Għall-finijiet tar-reat ta' *ragion fattasi* huwa biżżejjed xi forma ta' pussess.

Illi l-ġurisprudenza wkoll timxi mal-prinċipju li *"r-reat ta' ragion fattasi mhux meqjus bħala delitt kontra l-proprjeta' iżda bħala delitt kontra l-amministrazzjoni tal-ġustizzja u amministrazzjonijiet pubbliċi oħra."*[1] Għandu jingħad li Artikolu 85 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta huwa ntiż biex dak li jkun ma jieħux il-liġi b'idejh.

Illi mill-atti proċesswali jirriżulta li l-*parte civile* Schembri Orland kien akkwista l-post permezz ta' suċċessjoni u diviżjoni. Huwa kien ħa d-dokumenti neċessarji miegħu biex jurihom lill-Pulizija. Barra minn hekk, mix-xiehda tal-*parte civile* jirriżulta wkoll li l-appellant George Borg kien saħansitra offra xi ħaġa tal-flus lilu biex iċedi l-post. Min-naħa l-oħra l-appellanti baqgħu jgħidu li kienu jgħixu hemm bil-familja b'kollox imma meta ġew mistoqsija dwar kif sar l-akkwist tal-post ma rriferew għall-ebda kuntratti u

[1] Ara **Il-Pulizija vs. Georgina Gauci** tas-7 ta' Jannar 1998, Qorti tal-Appell Kriminali.

sempliċement qalu li huma kienu jgħidu li l-post huwa "tan-nanna".

Illi din il-Qorti m'għandha ebda kompetenza li tiddeċiedi kwistjonijiet dwar min hu sid tal-post. Minkejja dan, mill-atti proċesswali jirriżulta li l-*parte civile* kellu tal-anqas detenzjoni tal-post in kwistjoni.

Illi minkejja li l-Qorti għandha żewġ verżjonijiet quddiemha, hija tista' tagħżel waħda li tidher aktar kredibbli b'dan illi l-Qorti tqis li l-verżjoni tal-*parte civile* bħala l-aktar ta' min joqgħod fuqha minn dik tal-appellanti. Kif diġia' ngħad, l-appellanti lanqas biss kienu jafu kienx jitħallas xi ċens jew xi kera u sempliċement kienu jgħidu, kif diġa' ngħad, li l-post kien "tan-nanna". Apparti minn dan, diġà ġie rilevat li s-sempliċi detenzjoni ta' post hija biżżejjed għall-iskop tar-reat ta' *ragion fattasi*. B'danakollu meta sabu l-ħaddied li kien mar jagħmel xogħol kif imqabbad mill-*parte civile* baqgħu, baqgħu sakemm ħadu ċ-ċavetta huma u l-*parte civile* baqa' m'għandux aċċess għall-post u hekk kien għadu sal-jum illi fih huwa xehed quddiem l-Ewwel Qorti.

Illi bit-teħid taċ-ċavetta l-appellanti ġew li ħadu l-liġi b'idejhom minkejja l-oppożizzjoni tal-*parte civile*. Jirriżulta li l-appellanti għamlu dan bil-kredenza li dan kien qed isir b'eżerċizzju ta' dritt. Kellhom ikunu jafu li dawn il-kwistjonijiet jiġu riżolti fil-Qorti u mhux billi wieħed jinnega lill-ieħor id-dħul f'dak li qed jallega li huwa l-post tiegħu. Ma' dan din il-Qorti żżid tgħid li l-appellanti għamlu hekk meta ma kellhomx titolu. Jekk kellhom ivantaw xi titolu, dan messu sar kif trid il-liġi, aktar u aktar meta wieħed minnhom saħansitra offra l-flus lill-*parte civile* biex iċedilhom il-post.

Illi l-appellanti jissottomettu li huma ma kellhomx il-*mens rea*. Fin-Noti tiegħu, Notes on Criminal Law (First Year), il-Professur Sir Anthony Mamo jikteb hekk (*a fol.* 60):

> *"It might seem (Kenny goes on to say, p. 40) that rule thus rendering the existence of a complex mental element necessary to create this legal liability would, usually, cause the prosecutor much difficulty in obtaining evidence of it. For, to borrow the saying of a medieval judge, which Sir Frederick Pollock has made familiar to modern readers, "the thought of man is not triable, for the Devil himself knoweth not the thought of man." But this difficulty seldom arises in practice: for in most cases the law regards the criminal act itself as sufficient 'prima facie' proof of the existence of criminal intent. [...]*
>
> *In England, the settled principle in this matter is that "Every sane adult is presumed to intend the natural or necessary consequences of his wilful conduct." The law treats as intentional all consequences which the actor foresees as the probable results of his wrongful act. The known consequences of an illegal act are imputed by the law as intentional. No man who knows that certain results will flow from his illegal act will be suffered to say that he did not intend them."*

Illi fil-każ li għandha quddiemha din il-Qorti l-*mens rea* tirriżulta mill-atti li għamlu ż-żewġ appellanti stess u għalhekk saret il-prova tagħha. Wieħed ma jistax jgħid li m'hemmx *mens rea* meta mbagħad jaqbad u jieħu ċ-ċavetta. Għaldaqstant, l-ewwel aggravju tal-appellanti qed ikun miċħud.

**Ikkunsidrat**

**Konsiderazzjonijiet dwar it-tieni aggravju tal-appellant Joseph Borg u t-tielet aggravju tal-appellant George Borg**

Illi t-<u>tieni aggravju</u> tal-appellant Joseph Borg huwa li l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament żbaljat tal-provi prodotti u tal-liġi applikabbli fi-rigward tat-tielet (3) imputazzjoni għaliex jisħaq li hu ma kisirx il-bon ordni u l-paċi pubbliku. Huwa jagħmel riferenza għal ġurisprudenza u jisħaq li sabiex ikun hemm ksur

tal-kontravenzjoni in kwistjoni irid ikun hemm xi għemil li jnissel imqar minimu ta' inkwiet dwar l-inkolumita' ta' persuna. Jisħaq li l-iskambju ta' kliem waħdu ma jammontax għall-*breach of the peace*. Jgħid li ma tressqet ebda prova li kienu għaddejjin xi nies fit-triq jew li ħarġu fit-triq minħabba l-allegat disgwid.

Illi t-tielet aggravju tal-appellant George Borg huwa bħat-tieni aggravju tal-appellant Joseph Borg. L-appellant George Borg jargumenta li l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament żbaljat tal-provi prodotti u tal-liġi applikabbli fir-rigward tat-tielet (3) imputazzjoni. Huwa jressaq l-istess argumenti li jressaq l-appellant Joseph Borg fit-tieni aggravju tiegħu dwar għala huwa (George Borg) ma kellux jinstab ħati tat-tielet (3) imputazzjoni u għaldaqstant, a skans ta' ripetizzjoni, din il-Qorti tagħmel riferenza għal argumenti in kwistjoni msemmija hawn fuq.

Illi t-tieni aggravju tal-appellant Joseph Borg u t-tielet aggravju tal-appellant George Borg huwa dwar it-tielet (3) imputazzjoni li t-tnejn li huma nstabu ħatja tagħha. Din l-imputazzjoni hija dwar li volontarjament kisru l-bon ordni u l-paċi pubbliku b'għajjat u storbju.

Illi fir-rigward ta' din l-imputazzjoni, il-Qorti ser timxi ma' ġurisprudenza kostanti li kontravenzjoni taħt Artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta hija dik li fil-Liġi Ingliża hija *"a breach of public peace"*. Dan ifisser li persuni oħra jkunu beżgħu għall-inkolumita' tagħhom waqt l-akkadut. Fis-sentenza mogħtija fit-23 ta' Ġunju 1994 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Paul Busuttil**, din il-Qorti qalet hekk:

> "3. [...] Skont ġurisprudenza kostanti tal-Qrati tagħna, dan ir-reat javvera ruħu meta jkun hemm dak li fil-*Common Law* Ingliża kien jissejjah *"a breach of the peace"*. Din l-ekwiparazzjoni ta' dana r-reat mal-kunċett Ingliż ta' *"breach of the peace"* tirrisali għal żmien Sir Adriano Dingli li proprju f'kawża deċiża minnu fl-10 ta' Ġunju,

1890, fl-ismijiet **Ispettore Raffaele Calleja v. Paolo Bugeja et**, kien qal hekk:

> *"Che il buon ordine e la tranquillita' pubblica sta nella sicurezza, o nella opinione ferma della sicurezza sociale, - nel rispetto dei diritti e dei doveri sia deglio individui in faccia all'autorita' pubblica, sia degli individui stessi fra loro, e ogni atto che toglie o diminuisce la opinione della sicurezza pubblica, o della sicurezza individuale, é violazione dell'ordine pubblico, indipendentemente dalla perpetrazione di altro reato."* (Kollez. Vol. XII, p. 472, 475).

[...]

4. [...B]ħala regola, ikun hemm il-kontravvenzjoni kontemplata fil-paragrafu (dd) ta' l-Art. 338 tal-Kap. 9 meta jkun hemm għemil volontarju li minnu nnifsu jew minħabba ċirkostanzi li fihom dak l-għemil iseħħ inissel imqar minimu ta' inkwiet jew tħassib f'moħħ persuna (li ma tkunx l-akkużat jew l-imputat) dwar l-inkolumita' fiżika ta' persuna jew dwar l-inkolumita' ta' proprjeta', kemm b'riżultat dirett ta' dak l-għemil jew minħabba l-possibilita' ta' reazzjoni għal dak l-għemil."

Illi filwaqt li din il-Qorti tagħmel tagħha dak hawn fuq ċċitat, hija kkunsidrat li mill-provi prodotti quddiem l-Ewwel Qorti ma jirriżulta minn imkien li kienu preżenti xi nies jew li ħarġu xi nies minħabba li l-appellanti allura imputati kienu qed jagħmlu xi storbju jew li qanqlu xi biża' jew tħassib f'xi nies. B'hekk isegwi li t-tieni aggravju tal-appellant Joseph Borg u t-tielet aggravju tal-appellant George Borg qed jiġu milqugħa b'dan illi l-appellanti ma kellhomx jinstabu ħatja mill-Ewwel Qorti fir-rigward tat-tielet (3) imputazzjoni addebitata fil-konfront tagħhom u b'hekk il-Qorti ser tilliberahom minnha.

**Ikkunsidrat**

**Konsiderazzjonijiet dwar it-tieni aggravju tal-appellant George Borg**

Illi t-tieni aggravju tal-appellant George Borg huwa li l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament żbaljat tal-provi prodotti u tal-liġi applikabbli fi-rigward tat-tieni (2) imputazzjoni. Jissottometti li l-Ewwel Qorti ma messhiex sabitu ħati tat-tieni (2) imputazzjoni. Jisħaq li hemm żewġ verżjonijiet imma dik mogħtija minn ibnu – jiġifieri l-appellant Joseph Borg – hija aktar verosimili u hija korroborata mill-imġieba tiegħu (jiġifieri l-imġieba ta' Joseph Borg) fuq il-pedana tax-xhieda. Jisħaq li ma jirriżultax li hu b'xi mod hedded jew inġurja lill-*parte civile* imma kien hemm biss argument bejn żewġ partijiet fejn kulħadd ipprova jieħu raġun iżda ħadd ma hedded lil ħadd. Jgħid li meta persuna tgħolli leħinha mhux bilfors li qed thedded lill-oħra.

Illi għal kull buon fini din il-Qorti tinnota li l-Ewwel Qorti ma sabitx lill-appellant Joseph Borg ħati tat-tieni (2) imputazzjoni. Apparti minn dan, fir-rigward tal-aggravju in eżami għandu jiġi nnutat li skont ix-xiehda tal-*parte civile* nnifsu l-appellant George Borg qallu li l-post ma kienx tiegħu (jiġifieri tal-*parte civile*). Quddiem l-Ewwel Qorti, il-*parte civile* qal hekk ukoll (*a fol.* 23):

> "George mhux heddidni imma qalli: *"hemmhekk mhux tiegħek"*, taf inti."

Illi meta l-Ewwel Qorti staqsiet lill-*parte civile* dwar it-tonn li kellmu George Borg, huwa (il-*parte civile*) qal hekk (*a fol.* 23):

> "Mhux aggressiv, iktar Joseph Borg. George Borg ma kellimnix aggressiv. Filfatt mument minnhom George Borg, konna mwarrbin naqra u qalli: *"Ara nagħtik xi ħaġa tal-flus u ħallihulna"*, għidltu: *"Ma tarax nieħu l-flus u nħallihulkom"*, għidltu: *"X'għandu x'jaqsam"*, għidltlu: *"Le,*

> *dak proprjeta' tiegħi u dritt tiegħi"* u ma kellimniex iktar George Borg."

Illi tenut kont ta' dan din il-Qorti tqies li ma jirriżultax li t-tieni (2) imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-appellant George Borg ġiet sodisfaċentement pruvata sal-grad rikjest mil-liġi u għaldaqstant din il-Qorti ser tilqa' l-aggravju in eżami b'dan illi l-appellant George Borg ser jiġi liberat mit-tieni (2) imputazzjoni addebitata fil-konfront tiegħu.

**Ikkunsidrat**

**Konsiderazzjonijiet dwar it-tielet aggravju tal-appellant Joseph Borg u r-raba' aggravju tal-appellant George Borg**

Illi t-tielet aggravju tal-appellant Joseph Borg huwa dwar il-piena erogata mill-Ewwel Qorti. Jisħaq li din il-piena hija waħda eċċessiva. Jagħmel riferenza għal ġurisprudenza dwar sentenzi li kollha stħarrġu fit-tul in-natura tal-piena u kif l-aħjar li Qorti tittratta lil min jinsab ħati skont il-każ. Jissottometti li l-piena mogħtija mill-Ewwel Qorti kemm fil-kwalita' kif ukoll fil-kwantita' tagħha ma toħloqx bilanċ bejn l-aspett retributtiv u dak riformattiv. Jgħid li l-piena mogħtija hija waħda sproporzjonata u eċċessiva.

Illi r-raba' aggravju tal-appellant George Borg huwa wkoll dwar il-piena erogata mill-Ewwel Qorti. Huwa jressaq l-istess argumenti li jressaq l-appellant Joseph Borg fit-tielet aggravju tiegħu u għaldaqstant, a skans ta' ripetizzjoni, din il-Qorti tagħmel riferenza għalihom.

Illi dwar l-aggravji in eżami din il-Qorti tinnota li filwaqt li l-appellant Joseph Borg ġie liberat bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien sittax-il xahar minn dakinhar li ngħatat is-sentenza, l-appellant George Borg ġie wkoll liberat bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor pero' fi żmien tmintax-il xahar minn dakinhar li ngħatat is-sentenza.

Illi din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fit-12 ta' Diċembru 2022 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Nazzareno Caruana** (Numru 45/2020) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Din il-ġurisprudenza ormai ben kristallizzata u aċċettata in linea ta' prinċipju fil-ġurisprudenza tagħna, tgħallimna illi l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell għandha tbiddel u tvarja l-piena inflitta minn l-Ewwel Onorabbli Qorti, fil-każijiet fejn dik il-piena ma tkunx pjenament imsejsa fuq dispożizzjonijiet tal-liġi. Dan il-prinċipju kien ġie ukoll kristallizzat fis-sentenza fil-każ **Il-Pulizija vs. Joseph Attard** mogħtija [...] fis-26 ta' Jannar 2001, fejn il-Qorti qalet li:
>
> > "Il-Qorti tal-Appell rarament tbiddel il-piena li tkun imponiet l-Ewwel Qorti. Dan tagħmlu biss meta jkun manifestament evidenti li dik il-Qorti tkun imponiet xi piena mhux kontemplata mil-liġi għar-reat in eżami, jew tkun xi piena ħarxa wisq jew sproporzjonata għal dak li jkun għamel il-ħati, jew tkun xi piena mhux fil-parametri tal-liġi.""

Illi filwaqt li din il-Qorti tagħmel tagħha dak hawn fuq ikkwotat, tinnota li hija ser tilqa' l-aggravji in eżami u dana peress li filwaqt li din il-Qorti ser tillibera lill-appellant Joseph Borg mit-tielet (3) imputazzjoni, l-appellant George Borg ser jiġi liberat mit-tieni (2) u mit-tielet (3) imputazzjoni. L-applikazzjoni ta' Artikoli 377(3) u 383 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta hekk kif imsemmi mill-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata għandhom jibqgħu *in vigore*.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' *in parte* l-appelli mressqa mill-appellanti Joseph Borg u George Borg u tgħaddi għalhekk biex tirriforma s-sentenza appellata billi:

- tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata fejn ma sabitx lill-appellant Joseph Borg ħati tat-tieni (2) imputazzjoni u li minnha lliberatu;

- tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata fejn sabet liż-żewġ appellanti ħatja tal-ewwel (1) imputazzjoni;

- tħassarha u tirrevoka dik il-parti tas-sentenza appellata fejn sabet lill-appellant Joseph Borg ħati tat-tielet (3) imputazzjoni u fejn sabet lill-appellant George Borg ħati tat-tieni (2) u tat-tielet (3) imputazzjoni u minflok tiddikjara li qed issibhom mhux ħatja tagħhom u b'hekk tilliberahom minn kull ħtija u piena fir-rigward tagħhom;

- tħassar u tirrevoka dik il-parti tas-sentenza appellata fejn *ai termini* ta' Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta lliberat lill-appellant Joseph Borg bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien sittax-il xahar minn dakinhar li ngħatat is-sentenza u fejn illiberat lill-appellant George Borg bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien tmintax-il xahar minn dakinhar li ngħatat is-sentenza u minflok *ai termini* ta' l-istess Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta tillibera liż-żewġ appellanti Joseph Borg u George Borg bil-kondizzjoni li ma jagħmlux reat ieħor fi żmien sena millum;

- tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata fejn b'applikazzjoni ta' Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta rabtet lill-appellanti Joseph Borg u George Borg b'obbligazzjoni personali ta' elf u ħames mitt Euro (€1500) kull wieħed li jżommu l-kwiet mal-*parte civile* George Roland Schembri Orland għal żmien sena millum;

- tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata fejn b'applikazzjoni ta' Artiklu 377(3) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta ordnat lill-appellanti Joseph Borg u George Borg sabiex jgħaddu ċ-ċwievet tal-bieb tal-fond in kwistjoni (22) fi Triq

San Franġisk, Qormi biex b'hekk George Roland Schembri jerġa' jkollu aċċess għal dan il-post u dan fi żmien tliet (3) ijiem millum, taħt ammenda ta' għaxar Euro (€10) kuljum għal kull jum ta' ritard.

Il-Qorti twissi lil ħatja bil-konsegwenzi skont il-liġi jekk huma jikkommettu reat ieħor matul il-perijodu ta' liberta' kondizzjonata.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**